

Brussell, 11 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6080/22

AGRI 44  
AGRIORG 10  
AGRIFIN 9

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Suġġett:	L-aktar data reċenti dwar is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-aktar data reċenti dwar is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu, biex ikollhom sfond għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2022.

### Is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu

1. Matul l-aħħar tliet sessjonijiet tal-Kunsill AGRIFISH, id-delegazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni għall-effetti negattivi taż-żieda fil-kostijiet tal-input fuq il-marġni tal-bdiewa kemm fis-settur tal-annimali (kostijiet tal-ġhalf, tal-enerġija eċċ.) kif ukoll f'dak tal-għelejjel (fertilizzanti, enerġija eċċ.) u enfasizzaw il-ħtieġa li s-sitwazzjoni tkompli tiġi mmonitorjata mill-qrib speċjalment fir-rigward tal-**kost tal-inputs agrikoli** u s-**sitwazzjoni tas-settur tal-laħam tal-majjal**. Għal dak il-għan, l-aktar data reċenti dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet hija miġbura fil-qosor hawn taħt u hija ppreżentata wkoll għal referenza faċli fit-tabelli u l-graphs fl-Anness<sup>1</sup>. Deskrizzjoni qasira dwar is-sitwazzjoni taż-żewġ setturi l-oħra li attwalment jistħoqqilhom l-attenzjoni, jiġifieri **ċ-ċereali** u **l-frott u l-ħaxix**, hija inkluża wkoll.
2. Fir-rigward tal-**kostijiet tal-enerġija**, jidher li din għadha kwistjoni ta' tħassib konsiderevoli. Il-prezzijiet globali medji għall-prodotti tal-enerġija bħaż-żejt grezz u l-gass naturali baqgħu fl-livelli għoljin ħafna f'Jannar 2022.
3. Meta mqabbel mal-aħħar kwart tal-2020, meta l-prezzijiet taż-żejt kienu pjuttost baxxi, il-kost taż-żejt grezz kien aktar minn 90 % oġhla u, b'mod partikolari, kien hemm żieda ulterjuri ta' madwar 15 % meta mqabbel ma' Diċembru 2021, u laħaq livelli li ma ntlaħqux mill-2014.
4. Il-kost tal-gass naturali kompli jkun għoli ħafna wkoll fil-bidu tal-2022. Il-prezzijiet Ewropej kienu fl-livell li, meta mqabbel mal-aħħar kwart tal-2020, kien 379 % oġhla, li jimplika żieda ta' aktar minn erba' darbiet oġhla minn dak taż-żejt grezz. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-prezzijiet naqsu f'Jannar 2022, b'26 % meta mqabbla ma' dawk tax-xaħar ta' qabel meta laħqu l-quċċata tagħhom fl-livell ta' 544 % oġhla mill-medja tal-aħħar kwart tal-2020. Wieħed għad irid jara jekk dan it-tnaqqis hux ser ikompli jew jistabilizza ruħu, minħabba l-inċertezzi rigward ix-xejriet tal-provvista u d-domanda.

---

<sup>1</sup> Imħejji bl-użu ta' data mis-serje ta' data tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi tal-Bank Dinji fir-rigward tal-enerġija u l-fertilizzanti u informazzjoni inkluża fid-dashboard ta' kull ġimħa tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tas-settur tal-laħam tal-majjal.

5. Fir-rigward tal-**kostijiet tal-fertilizzanti**, is-sitwazzjoni hija kkaratterizzata wkoll minn żieda fil-prezzijiet globali. Meta mqabbla mal-aħħar kwart tal-2020, f'Jannar 2022 il-prezzijiet tal-biċċa l-kbira tal-fertilizzanti komplew ikunu ogħla b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-urea, fertilizzant nitroġenuż solidu li għalih il-gass huwa input importanti, kienu 245 % ogħla minn dawk tal-aħħar kwart tal-2020. Il-prezzijiet tal-blat fosfatiku żdiedu b'111 %.
6. Madankollu, huwa inkoraġġanti li kien hemm tnaqqis modest fil-prezzijiet tal-fertilizzanti, meta mqabbel ma' Diċembru 2021. Id-data ppreżentata fit-tabella annessa tindika li l-quċċata setgħet intlaħqet fi tmiem l-2021 iżda dan għad irid jiġi vverifikat.
7. Rigward is-sitwazzjoni tas-**settur tal-laħam tal-majjal**, l-aktar informazzjoni reċenti hija miġbura fil-qosor fiż-żewġ graphs u t-tabella fl-Anness. Fir-rigward tal-prezzijiet tal-karkassi tal-majjal tal-UE, kien hemm biss bidliet żgħar f'kull direzzjoni wara ż-żieda żgħira osservata f'nofs Diċembru 2021. Mhi viżibbli l-ebda xejra ċara. Il-marġnijiet tal-produtturi komplew jonqsu madwar l-Ewropa. Il-prezzijiet tal-qżieq żdiedu bi ftit skont ix-xejra staġjonali iżda baqgħu 13-14 % inqas minn sena ilu. Il-bilanċ kummerċjali huwa pożittiv, b'espportazzjonijiet għoljin ħafna, iżda x-xejra ta' żieda waqfet.
8. Għal prodotti oħra tal-annimali, is-sitwazzjoni hija ferm aħjar, bi prezzijiet għoljin rekord. Il-periklu ġej mill-kostijiet tal-input li qed jiżdiedu, u dan qed inaqqas il-marġnijiet drastikament.
9. Fir-rigward tas-**sitwazzjoni tas-suq taċ-ċereali**, għalkemm il-produzzjoni dinjija tal-qamħ laħqet livell rekord fl-2021/22 (+0.1 % sena wara sena) il-provvisti huma pjuttost stretti, speċjalment għat-tipi ta' qamħ ta' kwalità għolja. Iċ-ċaqliq fil-prezzijiet huwa pjuttost aġitat, filwaqt li d-domanda globali hija qawwija. Il-prezzijiet ta' referenza tal-espportazzjoni tal-qamħ huma madwar 10-20 % ogħla minn sena ilu, madankollu dan l-aħħar naqsu b'mod moderat għall-UE u r-reġjun tal-Baħar l-Iswed. Il-produzzjoni tal-qamħirrum hija stmata wkoll flivell rekord (+ 7.3 % sena/sena) u l-provvisti huma meqjusin bħala aktar abbondanti milli għall-qamħ. Madankollu, il-ħsad għadu xi ftit tax-xhur 'il bogħod fl-Amerka t'Isfel, fejn il-kundizzjonijiet ta' tkabbir sħan u ta' nixfa naqqsu l-prospetti tal-għelejjel. Perspettiva li sejra għall-aħħar fl-Arġentina u l-Brażil ġiegħlet żieda fil-prezzijiet tal-qamħirrum ta' madwar 5-7 % matul ix-xahar li għadda. Il-kundizzjonijiet ta' tkabbir mhux favorevoli fl-Amerka t'Isfel huma ta' tħassib għall-produzzjoni tal-fażola tas-sojja. Dan l-aħħar, previżjonijiet ewlenin naqqsu drastikament il-projezzjonijiet (-0.7 % sena/sena) li jirriflettu għelejjel iżgħar mistennija issa fl-Arġentina, il-Brażil u l-Paragwaj. Il-prezzijiet komplew jiżdiedu u issa huma madwar 15-20 % ogħla sena wara sena.

10. **Fis-settur tal-frott u l-ħxejjex**, hemm xi tħassib dwar l-impatt tal-projbizzjoni reċenti tal-Belarussja minħabba l-għelejjel tat-tuffieħ relattivament għoljin fl-UE din is-sena. Għad ma hemm l-ebda statistika kummerċjali uffieċjali disponibbli għax-xahar ta' Jannar 2022, iżda l-ewwel indikazzjonijiet dwar il-volum tal-esportazzjoni lejn il-Belarussja fuq prodotti identifikati bħala ewlenin huma, għat-tuffieħ, volum totali stmat ta' 1K tunnellata f'Jannar 2022 (vs. 15K tunnellata f'Jannar 2021) u, għal-lanġas, 8K tunnellata (vs. 14K tunnellata f'Jannar 2021). Fir-rigward tat-tuffieħ, l-ewwel data pprovduta mis-settur tat-tuffieħ Pollakk għax-xahar ta' Jannar ma turi l-ebda esportazzjoni lejn il-Belarussja, b'ripożizzjonament parzjali lejn l-Eġittu u tnaqqis globali tal-esportazzjonijiet totali ta' 7K tunnellata. Il-prezzijiet tat-tuffieħ fil-Polonja wrew titjib żgħir f'Jannar (EUR 32 ċenteżmi għal kull kg, 4 % ogħla mill-medja ta' 5 snin), iżda s-sitwazzjoni tas-suq hija fraġli, meta wieħed iqis l-istokkijiet kbar tat-tuffieħ fil-Polonja, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, u l-istorja tal-prezzijiet ikkaratterizzata minn volatilità relattivament importanti.

---

**PREZZIJET TA' JANNAR 2022 TAL-INPUTS GLOBALI TAL-ENERĠIJA U TAL-FERTILIZZANTI**

GLOBAL ENERGY AND FERTILIZERS INPUT PRICES JANUARY 2022					
Commodity	Average 4th Quarter 2020	Average DECEMBER 2021	Average JANUARY 2022	Change JAN 2022 vs Q4 2020	Change JAN 2022 vs DEC 2021
<b>ENERGY</b>					
Crude oil, Brent (USD/bbl)	44,5	74,3	85,5	92,1%	15,1%
Natural gas, Europe (USD/mmbtu)	5,9	38,0	28,3	379,0%	-25,6%
Natural gas, US (USD/mmbtu)	2,5	3,7	4,3	76,0%	17,0%
<b>FERTILIZERS</b>					
Phosphate rock (USD/mt)	81,9	176,7	173,1	111,4%	-2,0%
Diammonium phosphate (USD/mt)	368,4	745,0	699,4	89,8%	-6,1%
Potassium chloride (USD/mt)	202,5	221,0	221,0	9,1%	0,0%
Triple superphosphate (USD/mt)	300,8	687,7	676,3	124,8%	-1,7%
Urea (USD/mt)	245,0	890,0	846,3	245,4%	-4,9%

*It-tabella ta' hawn fuq ġiet ikkompilata bl-użu tas-serje ta' data dwar il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi tal-Bank Dinji għal Frar.*


**Is-sitwazzjoni tal-prezzijiet fis-settur tal-laħam tal-majjal fil-ġimgħat 4 u 5 tal-2022**

Price situation of the pig meat sector in weeks 4 and 5 of 2022								
Product group	4th week of 2022				5th week of 2022			
	%Change since				%Change since			
	EU prices*	last week	last month	last year	EU prices	last week	last month	last year
Average (S-E)	132.9	-0.5%	-0.2%	+0.7%	133.0	+0.1%	-0.3%	+0.7%
Class S	134.1	-0.3%	+0.2%	+0.2%	134.5	+0.3%	+0.3%	+0.4%
Class E	130.4	-0.9%	-0.9%	+1.9%	130.0	-0.3%	-1.7%	+1.2%
Piglet	35.5	+0.8%	+5.0%	-12.8%	35.8	+0.8%	+4.6%	-14.3%

\* EUR/100 KG CARCASS WEIGHT; EUR/HEAD FOR PIGLETS

Source: MSs (Weekly communications under Reg. 2017/1185)

**L-evoluzzjoni fl-UE tal-prezzijiet tal-karkassi tal-majjal tal-UE (€/100kg)**  
**EU evolution of the EU pig carcass prices (€/100kg)**



**L-evoluzzjoni fl-UE tal-medja tal-prezzijiet tal-qżieqeż tal-UE (€/ras)**  
**EU evolution of the EU average piglet prices (€/head)**

